# SITT SUNETTI TA' Ġ. AQUILINA

## SHAB IL-HOLM

*Sħab abjad qisu gawwi jħuf mar-riħ*
*Fuq ġwienaħ jiddu mifruxin fid-dawl,*
*Sħab iswed, rix l-għorab jonkella ċ-ċawl,*
*Jinġama' waħda waħda bla mistrieħ,*
*U l-għajn ferħana żżewwaq dat-tixbib*
*Ta' ħolm is-sħab li jleħħnu, b'nifsbom, qawl*
*Fuq sejf tan-nar li ħaraq ruħ San Pawl*
*Meta ra 'l Alla w wiċċu far u sbieħ.*

*Madwar is-sħab jinġabar qajl is-skiet,*
*Jikber u jogħla bħal muntanja kbira*
*Li minn ġo fiha tleħħ nirien ta' dija.*
*Jekk tgħidli li dan qerq ta' Att l-Imwiet*
*Fwar u tbewdin ta' Ruħ marbuta lsira*
*Jien xorta ngħidlek tħalli dal-qerq fija.*

19.iii.62

## IL-HAJJA

*Mgħottija resqet fuqi; bħal tarbija*
*Qabditni mn'idi w qaltli: Ejja wrajja.*
*Min int saqsejtha? Wieġbet: Jien il-Hajja*
*Ittawwal bħal ġo ħġieġa minn ġo fija.*
*Għamilt kif qaltli. Id-dalma ta' fl-għaxija*
*Għall-ewwel satret il-widien u t-tlajja'.*
*'Ma dlonk quddiemi debret kollha l-ġrajja*
*Ta' jasar u ta' qerq ulied il-ħtija.*

*Tbikkimt u bkejt għax ħlomt il-ħajja safja*
*Bħan-nida fuq il-ġeżża ta' ħaruf*
*U logħob ta' lwien bħax-xemx ta' ġol-qawsalla*
*Għadabt, tnikkitt, ħassejt ġo qalbi għafja*
*Għad-debra ta' dal-ħażen mbux magħruf.*
*Għajjatt: "Hallili għall-anqas tama f'Alla!"*

19.iii.62

## IŻ-ŻIEMEL TAL-HAJJA

*Żiemel maħrub iż-Żmien — żiemel bla lġiem;*
*Riġlejh milwija mtajjra ma' l-irjieħ;*
*Nifsu tan-nar imħarħar imma sħiħ*
*Għaddej milbut u mnaffar mingħajr sliem.*
*Hadd lewma għal dil-ħarba w la kliem;*
*Rikkieb fuqu ma' għandux; is-sarġ neħħieh.*
*Widnejh weqfin u donnu mingħajr smigħ.*
*Tqawqib in-nagħal iħassar kull egħliem.*

*Żiemel maħrub imnaffar fejn hu sejjer,*
*Għat-tliegħi w għall-inżul mingħajr waqfien*
*Lejn l-għarb fejn tgħib ix-xemx ta' Filgħaxija?*
*Ma jieqaf qatt. Għalxejn ngħajjat u nxejjer;*
*Rasu 'l quddiem hu jgħaddi mingħalija*
*Xewqan li l-Lejl jobormu ġod-dagħbien!*

19.iii.62

## IT-TFULIJA

*Nixtieq iż-żmien ta' qabel l-irġulija*
*Li naf jisfa minn moħħi bħal taħżiża*
*Ta' kitba mħassra; 'mma tifkira għażiża*
*U daqsbekk biss. Żmien wieħed — it-tfulija,*
*Il-qalb għasfura tgħanni bla kburija*
*Il-qalb sħuna bix-xemx mingħajr tingiża*
*Ta' għira jew ta' regħba xiħa w griża*
*Li tkerrah ġbin il-kobor bis-sfurija.*

*Niċkien, mbux nikber xtaqt; nerġa' mmur lura*
*Lejn żmien il-logħob ma' sħabi tal-Munxar*
*Ix-Xlendi, w l-Għalqa l-Kbira u Ta' Marziena*
*Fejn il-kalkara darba kont bnejt dura.*
*U żrajt il-qamħ ir-rum u ponn ġilbiena:*
*Holma tat-tfal ma ddumx. Li għadda mar!*

19.iii.62

## FARAĠ L-GHAJJIENA

*Meta jitqal il-lejl fuq xfar għajnejja*
*Miftuħa, mingħajr ngħas, wil-ħemda tqila*
*Tbażżagħni, u tħallini mingħajr ħila,*
*Fommi marsus, kull ħoss għajta f'widnejja,*
*Twerżiq ta' ruħ mitlufa riesqa lejja,*
*F'qalbi nsejjaħ isimha, ngħajjat LilHa*
*Dawl t'Alla u tal-pitturi l-isbaħ tila,*
*U f'moħħi mbewden nitlob għarkubbtejja:*
*"Madonna ta' Ġesù, Faraġ l-għajjiena,*
*Tbissima ta' qawsalla, Ġnien ta' sliema,*
*Warda tal-iġbla, u qawwa tat-tajbin.*
*Imbagħad xħin nara wiċċha, qalbi jiena*
*Inħossha ssirli nar, għax bħala liema*
*Fost kollha n-nisa, wennset il-Bnedmin?*

8.i.63

## VIRGO MARIJA

*Li kelli l-ħila ta' Messer Petrarca*
*Għall-kitba tas-sunett, kont nikteb mija,*
*Mitejn, elf w iżjed, kollha għalik Marija,*
*Tal-bniedem mitluq waħdu sejf u tarka.*
*U fiħom kont inxandrek Omm il-Barka,*
*Il-Kewkba tar-Ružarju u l-Litanija,*
*Li twieldet, għexet, mietet mingħajr ħtija.*
*U qabżet għall-bnedmin mid-dnub imfarrka,*
*Għax akbar w isbaħ int minn Donna Laura,*
*U n-nisa li għannew l-poeti kbar,*
*B'versi li ġmielhom żejjen ħajr l-imħabba.*
*Għenni biex xewqti sseħħ, ngħannik il-Ġawhra,*
*Fil-mantar t'Alla li jgħattik bħal star,*
*Verġni u Omm li l-ebda dnub ma' tabba'.*

9.i.63